**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 121**
**It-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**GWIDI TAT-TURISTI LIĊENZJATI**

**7885. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn gwidi tat-turisti liċenzjati?

03/04/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentement hawn 584 gwidi tat-turisti liċenzjati mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

Seduta 121
15/05/2023

**SKEJJEL TAL-ISTAT - BAĠIT**

**7886. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-baġit għal kull skola tal-istat, skola skola, lokalità lokalità? Jista' kap tal-iskola jitlob donazzjonijiet li jmorru għall-upkeep tal-iskola?

03/04/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull sena l-iskejjel jingħataw budget speċifiku għall-proġetti kapitali, filwaqt li matul is-sena l-iskejjel jingħataw għajnuna finanzjarja skont il-ħtiġijiet partikolari tagħhom.

Seduta 121
15/05/2023

**BELT VALLETTA – PALAZZO PARISIO – DOKUMENTAZZJONI RELATATA MAX-XOGĦLIJIET**

**7887. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mal-permessi maħruġa minn Heritage Malta għax-xogħlijiet li saru f'Palazzo Parisio fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta?

03/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 121
15/05/2023

**BELT VALLETTA – PALAZZO PARISIO**

**7888. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet l-ispiża ta' Palazzo Parisio?

03/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 121
15/05/2023

**ĦADDIEMA BARRANIN – TUL TA' ŻMIEN U PAGA**

**8244. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid mill-2013 sal-lum kemm kienet il-medja li ħaddiema barranin damu f'pajjiżna wara li ġew jaħdmu f'Malta, u jgħid kemm kienet il-paga medja u medjana ta' dawn il-persuni matul it-tul taż-żmien li damu f'impjieg hawn Malta?

24/04/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 121
15/05/2023

**MOSTA - UFFIĊINI TAS-SERVIZZI SOĊJALI - RINNOVAR**

**8245. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa previst li jitlesta x-xogħol ta' rinovar li għaddej bħalissa fl-uffiċċji tas-servizzi soċjali l-Mosta?

24/04/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 121
15/05/2023

**BELT VALLETTA – XOGĦLIJIET F'PALAZZO PARISIO**

**8258. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mal-permessi maħruġa minn Heritage Malta għax-xogħlijiet li saru f'Palazzo Parisio fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta?Jista' jgħid kemm swiet l-ispiża ta' Palazzo Parisio?

24/04/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 121
15/05/2023

**AIR MALTA - KONSULENZA**

**8259. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, kienx konsulent tal-Air Malta, jekk għadux u jekk għadu, kemm hi r-rimunerazzjoni tiegħu?

24/04/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-individwu msemmi fil-mistoqsija ma ngħata ebda konsulenza mill-Air Malta.

Seduta 121
15/05/2023

**BENGĦAJSA – KUNTRATTI TA' KIRI TAL-FORTIZZA**

**8334. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7936 u jgħid jekk wara li fl-2011 skadew it-tliet kuntratti ta' kiri relatati mal-Fortizza ta' Bengħajsa, inħarġux kuntratti ġodda jew kwalunkwe tip ta' kuntratti oħrajn għall-istess Fortizza?

27/04/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill- Onor. Interpellant li ma nħarġux kuntratti ġodda għas-sit inkwistjoni.

Seduta 121
15/05/2023

**IR-RABAT, GĦAWDEX – IRWEJJAĦ TAD-DRENAĠĠ FI TRIQ WIED U TRIQ ID-DAWWARA**

**8364. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li fi Triq il-Wied, Triq id-Dawwara u l-akkwati fir-Rabat, Għawdex, f'dawn l-aħħar ġimgħat qed ikun hemm irwejjaħ tad-drenaġġ, tista' l-Ministru tindirizza din il-problema u tgħid x'passi hemm ippjanat li jittieħdu?

27/04/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kellha l-ebda lment dwar irwejjaħ ta' drenaġġ fl-akkwati indikati qabel ma saret din il-mistoqsija parlamentari. Il-Korporazzjoni ħadet il-passi kollha meħtieġa billi għamlet spezzjonijiet kemm fis-sistemi tad-drenaġġ kif ukoll fit-tappieri li magħhom imqabbad ir-rising main u waqt dawn l-ispezzonijiet ma ġewx identifikati diffikultajiet.

Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jistgħu jċemplu fuq 8007 6400 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku www.wsc.com.mt

Seduta 121
15/05/2023

**MARSALFORN, GĦAWDEX – ŻIEDA TA' BANKIJIET FIL-PROMENADE**

**8380. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3650 li ngħatat fl-14 ta' Novembru 2022 dwar meta se jitpoġġew bankijiet jew bankijiet bid-dahar għall-pubbliku fil-promenade u fil-Menqa ġewwa Marsalforn, Għawdex, fejn kien ġie mwiegeb li "l-pjan hu li n-numru ta' bankijiet mistenni jiżdied għax-xhur tar-rebbiegħa u s-sajf", jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender biex jinxtraw il-bankijiet ħariġx? Jekk ħareġ, jista' jgħid jekk dan ġiex mogħti u meta hu mistenni li jitpoġġew? Jekk għadu ma ħariġx, meta hu mistenni li jiġi ppubblikat?

28/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif imwiegħed il-bankijiet fil-promenade u fil-Menqa ta' Marsalforn ser jiżdiedu fix-xhur tas-sajf, liema bankijiet qed jinħadmu mill-ħaddiema tal-Gvern.

Seduta 121
15/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – SERVIZZI GĦALL-ANZJANI**

**8381. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk is-servizzi għall-anzjani li jingħataw f'Għawdex mill-Ministeru għal Għawdex?

28/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Uffiċċju għall-Anzjani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex joffri s-servizzi msemmija hawn taħt:

Dħul residenzjali f'Dar tal-anzjani
Servizz ta' respite f'Dar tal-anzjani
Servizz ta' Night Shelter (ix-Xagħra)
Dementia friendly Day Centre - Casa Amalia
Dementia friendly Night Shelter - Casa Amalia
Dementia Friendly Respite Day and Night - Casa Amalia
Meals on Wheels
Ċentru ta' Matul il-Jum (Għajnsielem)
Active Ageing Centres f'diversi lokalitajiet f'Għawdex
Servizz ta' Be Active
Servizz tal-Inkontinenza
Servizz tat-Telecare
Servizz tat-Telephone Rent Rebate
Servizz ta' Home Help (inkuż is-Servizz tal-Helper tal-għażla tiegħek)
Servizz ta' Fiżjoterapija
Servizz ta' Handyman
Servizz ta'Hairdresser
Università tat-Tielet Età
Servizz ta' Social Work
Servizz ta' Ġardinar

Seduta 121
15/05/2023

**MARSALFORN, GĦAWDEX – XOGĦOL TA' BINI FI TRIQ SANTA MARIJA U TRIQ QBAJJAR**

**8382. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11414, 13031, 13705 u 23090 tat-13-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender għal xogħol ta' bini mill-ġdid fi Triq Santa Marija u Triq il-Qbajjar, f'Marsalforn Għawdex, ħariġx? Jekk ħareġ, dan ġie mogħti u meta mistenni jibda x-xogħol fuq dawn it-toroq? Jekk għadu ma ħariġx, meta mistenni jiġi ppubblikat u meta mistenni jibda u jispiċċa x-xogħol fuq dawn it-toroq li jintużaw minn eluf ta' karozzi u vetturi oħrajn kuljum, speċjalment fis-sajf?

28/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru bħalissa qed jaħdem fuq tender (DPS) ibbażat fuq kunċett li tinħoloq pjattaforma li twassal sabiex ikun hemm pool ta' kuntratturi li wara mini-competitions jaqdu l-esiġenzi tal-Ministru għal Għawdex fejn tidħol l-infrastruttura. Dan il-pass qed isir sabiex tkompli tiżdied l-effiċjenza u l-ispeditezza tax-xogħlijiet li jkun hemm bżonn isiru.

Seduta 121
15/05/2023

**GĦADIRA, MELLIEĦA – TENDER**

**8383. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar it-tender li kien ġie ppubblikat f'Marzu 2022 bin-numru SPD6/2022/009 – Tender for the Sand Replenishment Pilot Study Including the Construction of a Groyne at Southern Għadira Bay, Mellieħa – u jgħid jekk ix-xogħol mitlub minn dan it-tender sarx u jekk le, għaliex għadu ma sarx u meta hu maħsub li jsir u jitlesta?

28/04/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-prijoritajiet inbidlu u għaldaqstant il-Gvern qed jiffoka fuq proġetti li huma kkunsidrati bħala aktar essenzjali u importanti f'dan il-mument partikolari.

Seduta 121
15/05/2023

**ĦONDOQ IR-RUMMIEN, GĦAWDEX – TISWIJIET TAL-ISKALL U L-MOLL**

**8384. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub (xahar u sena) li jinbdew ix-xogħlijiet biex isiru tiswijiet estensivi jew jinbnew mill-ġdid l-iskall u l-moll ta' Ħondoq ir-Rummien u l-iskall li hemm fil-Qbajjar li jintużaw mill-pubbliku ġenerali, kif ukoll tinbidel ir-rampa minn fejn jiġu varati d-dgħajjes fid-Dwejra li tintuża anke minn kumpaniji li joffru servizzi għall-għaddasa u vjaġġi mal-kosta?

28/04/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ tender - *SPD3/2023/001 – Tender for the provision of Engineering consultancy and project management services for the upgrading of Landing Sites in Gozo* - biex isiru studji preparatorji, disinji, applikazzjoni għall-permess mal-Planning Authority u sottomissjonijiet ta' *technical specifications* u BOQ's, biex tiġi *upgraded* l-infrastruttura tas-sajjieda f'Ħondoq u Daħlet Qorrot.

Seduta 121
15/05/2023

**EMERGENCY AMBULANCE RESPONDERS – UNIFORMIJIET**

**8392. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta l-aħħar inħarġet sejħa pubblika għall-offerti rigward uniformijiet għall-Emergency Ambulance Responders, impjegati mas-settur pubbliku?

02/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 7071.

Seduta 121
15/05/2023

**DATABASE TAL-ENTITAJIET GOVERNATTIVI**

**8393. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2482, jista' l-Prim Ministru jispjega "l-kunsiderazzjonijiet varji fosthom dawk legali", li ma jippermettux li informazzjoni li jagħti klijent awtomatikament tgħaddi għand kull dipartiment jew entità tal-Gvern?

02/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-Gvern isegwi l-obbligi li joħorġu mil-liġijiet għall-protezzjoni tad-data.

Seduta 121
15/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – AVUKATI INGAĠĠATI PERMEZZ TA' OUTSOURCING**

**8394. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-avukati kollha li ingaġġat l-Awtorità tal-Artijiet permezz ta' outsourcing mill-1 ta' Jannar tal-2013 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

02/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet ma kenitx teżisti fl-2013 u għalhekk qiegħed nagħti l-informazzjoni sa min meta ġiet imwaqqfa l-Awtorità, ossija mill-2017 sal-lum.

| Lil Min Ingħata l-Kuntratt |
|---|
| |
| Dalli Paris Associates |
| Dr Alex Scerri Herrera |
| Dr Amanda Cini |
| Dr Anita Giordimania |
| Dr Cory Greenland |
| Dr Deborah Scehmbri |
| Dr Dorianne Arapa |
| Dr Edward Zammit Lewis |
| Dr Enzo Refalo |
| Dr Helen Borg Muscat |
| Dr Justyne Caruana |
| Dr Marcien Vassallo |
| Dr Matthew Bondin |
| Dr Robert Musumeci |
| Dr Rueben Casingena |
| Dr Stefano Filletti |
| Dr Vincent Galea |
| LP Davina Sullivan |
| LP Joeline Pace Cascaldi |
| LP Peter Sammut |
| RD Legal |
| Dr Tonio Azzopardi |
| Dr Joe Cilia |
| Dr Charlene Grima |

Seduta 121
15/05/2023

**KLINIĊI GĦAL DENTISTI TAL-GVERN**

**8427. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm kliniċi għal dentisti tal-Gvern? Kemm hemm dentisti u x'inhu n-numru ta' dentisti li suppost ikun hemm f'dawn il-kliniċi tal-Gvern?

02/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 18-il dentist u 4 konsulenti fl-isptarijiet Mater Dei, Gozo General Hospital u St. Vincent de Paul.

Seduta 121
15/05/2023

**LISTA TA' STENNIJA GĦAL SERVIZZI TA' DENTIST**

**8428. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni fil-lista ta' stennija għal servizzi ta' dentist? Kemm minnhom huma minuri?

02/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi pazjenti għal servizz ta' Orthodontics hemm 2,183 waqt li għal Oral Surgery hemm 521 għal proċeduri taħt Local anesthesia u 493 taħt General anesthesia u 228 minn dawn huma minorenni.

Seduta 121
15/05/2023

**COMMCARE – SERVIZZ TA' NURSE**

**8429. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7993, li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u li issa ġiet riferuta lilu, jista l-Ministru jgħid f'liema ħinijiet jingħata s-servizz ta' nurse tal-CommCare (HealthMark)? Jista' jgħid ukoll jekk mediċina preskritta minn konsulent biex tingħata wara s-6.00 p.m. ikunux jistgħu jagħtuha fil-ħin rakkomandat?

02/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizz ta' nurse u carer tal-CommCare li jiġi pprovdut mill-kuntrattur, HealthMark, jiġi pprovdut filgħodu bejn is-sebgħa u s-siegħa u filgħaxija bejn l-erbgħa u s-sebgħa. F'każ li jinqala' bżonn għal servizz ta' nurse urġenti, bejn is-siegħa u l-erbgħa, dan jingħata xorta waħda. Dan is-servizz ma jingħatax wara s-sebgħa ta' filgħaxija.

Seduta 121
15/05/2023

**TAS-SLIEMA – SQAQ XATT QUI-SI-SANA**

**8430. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk Sqaq Qui-si-Sana (jew Sqaq Xatt Qui-si Sana) f'Tas-Sliema, li s-site plan tiegħu qed tintbagħat separatament kif mitlub fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5089, huwiex sqaq pubbliku jew privat?

02/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit hekk kif indikat fuq is-site plan provduta mhuwiex propjetà tal-Gvern.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORTI DWAR VITTMI TAT-TRAFFIKAR UMAN**

**8434. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew rapportati vittmi tat-traffikar uman (human trafficking victims) għal kull sena, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022? X'inhi l-identità tal-ġeneru ta' kull vittma? X'inhi n-nazzjonalità ta' kull vittma?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 121
15/05/2023

**KAŻ DWAR INKJESTA PUBBLIKA**

**8435. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' azzjoni konkreta ttieħdet wara l-inkjesta pubblika mill-Imħallef Emeritus Geoffrey Valencia fuq il-qtil tal-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li sabet li l-istat u l-istituzzjonijiet fallew u qed ifallu lill-vittmi tal-vjolenza domestika?

02/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi diversi entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza immedjatament bdew ħidma sabiex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta tal-Imħallef Emeritus Geoffrey Valencia, filwaqt li l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika ntalbet sabiex tkun il-kordinatur ta' din il-ħidma.

Bħala parti mill-ħidma tal-Korp tal-Pulizija sabiex jitwettqu r-rakomandazzjonijiet tal-Inkjesta tal-Imħallef EmeritusValenzia dwar il-vjolenza domestika, riċentament il-Korp ippubblika Standard Operating Procedure (SOP) intern aġġornat għall-membri kollha tiegħu, li jiddefinixxi linji gwida ċari dwar il-proċeduri li għandhom jintużaw meta l-membri tal-Korp tal-Pulizija jirrispondu għal rapporti relatati ma' vjolenza domestika u vjolenza abbażi tal-ġeneru. F'dan il-proċess, intalbet l-opinjoni professjonali ta' diversi esperti fis-settur u t'entitajiet oħrajn.

L-SOP tindirizza l-irwoli u r-responsabbiltajiet li għandhom il-pulizija meta jirrispondu u jitkellmu mal-vittmi tal-imsemmija każijiet. Id-dokument jiggwida wkoll lill-pulizija, fost oħrajn rigward verifiki u azzjonijiet relatati ma' protezzjoni temporanja; ordni ta' protezzjoni; u ordni ta' trażżin. L-SOP titratta wkoll dwar taħriġ speċjalizzat li jingħata lill-membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex jibqa' jiġi provdut servizz tal-ogħla kwalità.

F'konformità mal-Istrateġija ta' Trasformazzjoni tal-Pulizija (2020-2025), f'Ottubru 2020 twaqqfet il-Gender-Based & Domestic Violence Unit. Fuq parir tal-esperti, kif ukoll tal-GREVIO (Group of Experts on Action against Violence against Women and Domestic Violence), din it-taqsima tikkonsisti f'uffiċjali speċjalizzati u mħarrġa sabiex jagħtu l-aqwa servizz lill-vittmi kollha tal-vjolenza domestika. Fil-preżent il- GB&DV Unit żdiedet għal 48 uffiċjal u bħalissa hemm sejħa interna għall-uffiċjali li jixtiequ jingħaqdu ma' din it-taqsima, bil-għan li r-riżorsa umana ta' dan il-Unit tkompli tissaħħaħ.

Sabiex il-GB&DV Unit ma jibqax iċċentralizzat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, bħalissa għaddejja ħidma sabiex l-Għassa ta' Santa Luċija tinbidel fl-ewwel hub, li se jilqa' fih il-vittmi li jagħmlu rapport relatat mal-Vjolenza Domestika u l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru. Apparti l-uffiċjali tal-Pulizija, fil-hub se jkun hemm ukoll preżenza ta' social workers.

Il-Kummissjoni fuq il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika qed tipprovdi t-taħriġ li ġej sabiex tkompli ssaħħaħ l-isforzi tagħha f'dik li hi prevenzjoni, waħda mill-erba' kolonni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Taħriġ minn diversi aġenziji lill-professjonisti fil-qasam tal-ġlieda kontra l-vjolenza domestika fosthom lill-uffiċjali tal-pulizija, professjonisti varji fil-qasam tas-saħħa, fil-qasam legali u fil-qasam soċjali, kif ukoll lill-edukaturi; taħriġ lill-ġurnalisti li jaħdmu fil-PBS dwar it-tfassil etiku, dinjituż u riċerkat ta' rappurtaġġ u dokumentazzjoni ta' każijiet ta' vjolenza domestika u vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-Kummissjoni qegħda tipprepara biex isir seminar għall-membri tal-ġudikatura li ser jitratta suġġetti saljenti. Qed issir ukoll kampanja kontinwa ta' informazzjoni mill-Kummissjoni sabiex teduka lill-pubbliku u twassal messaġġ kontra l-vjolenza domestika b'diversi modi u li tindirizza persuni varji fis-soċjetà bħal student fl-iskejjel, żgħażagħ u adulti. Qed isir ix-xogħol preparatorju sabiex din il-kampanja tkompli tikber u tissaħħaħ.

Ukoll fl-aħħar jiem imnedija linja nazzjonali għas-sapport tal-vittmi ta' kriminalità – 116006. Din il-linja nazzjonali toffri informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u kif taċċessa servizz ta' appoġġ filwaqt li sservi ta' gwida għal diversi servizzi mhux biss mill-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi tal-Kriminalità iżda anke minn entitajiet oħrajn, kemm tal-istat u anke minn għaqdiet u organizzazzjonijiet volontarji. Tagħti spazju wkoll lill-vittmi biex jitkellmu b'mod kunfidenzjali ma' professjonisti fl-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità u daqstant ieħor tirreferihom skont il-bżonnijiet tagħhom. Offruti wkoll servizz ta' sapport emozzjonali; gwida legali u aċċess għal informazzjoni jew aġġornamenti dwar rapporti li jsiru lill-pulizija. Dan is-servizz tat-telefon bla ħlas beda jopera mit-Tnejn sal-Ħadd bejn is-7.30 ta' filgħodu u s-7.30 ta filgħaxija.

Id-diversi entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ser jibqgħu jaħdmu sabiex ir-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-imsemmija inkjesta jkomplu jiġu attwati fl-intier tagħhom. Din l-informazzjoni tinkludi biss miżuri mittieħda mill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza.

Seduta 121
15/05/2023

**WIED IL-GĦAJN – TRIQ IX-XATT – PAVIMENTAR**

**8490. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5953, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx avvanz fil-pjani sabiex il-pavimentar tax-Xatt ta' Wied-il-Għajn isir?

03/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed taħdem fuq pjan għax-Xatt ta' Wied il-Għajn. Bħalissa qed isiru d-disinji preliminari. Jekk il-proġett jintlaqa' jkun jista' jiġi mwettaq fis-snin li ġejjin.

Seduta 121
15/05/2023

**BORMLA – XOGĦLIJIET F'POST**

**8491. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex previst li fi żmien qasir isiru x-xogħlijiet neċessarji fil-post li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament?

03/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li kellhom isiru fl-appartament imsemmi diġà tlestew.

Seduta 121
15/05/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**8504. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8343 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Ġustizzja, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont ta' ħaddiema impjegati minn kull waħda mil-lokalitajiet imsemmija?

04/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 121
15/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**8505. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8346 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont ta' ħaddiema impjegati minn kull waħda mil-lokalitajiet imsemmija?

04/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġew impjegati 39 persuna li huma minn dawn il-lokalitajiet: Żurrieq (3), Mosta, Imtarfa (2), Rabat (4), Pembroke, Naxxar, Kalkara, Mellieħa, Marsa, Marsaskala, Siġġiewi (2), Tarxien (3), Sta Venera, B'Kara, Żebbuġ, Lija, Swatar, Fgura, Ħamrun, Imsida, Gżira, Baħrija, Swieqi, Dingli, Għargħur, Luqa, Pieta', Marsaxlokk, Qala Għawdex u Xewkija.

Seduta 121
15/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – ĦRUĠ TA' TENDERS GĦALL-BEJGĦ TA' PROPRJETÀ TAL-GVERN**

**8513. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8251 u jgħid kemm-il tender għall-bejgħ ta' proprjetà tal-Gvern ħarġet l-Awtorità tal-Artijiet f'San Pawl il-Baħar mill-2020 sal-ġurnata li qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari? Meta nħarġu dawn it-tenders għal tali proprjetà, f'kull każ separatament? F'kull każ kemm kien hemm tenders li nxteħtu, kemm kien il-valur stmat mill-Awtorità u kemm kien il-valur li bih inbiegħet il-proprjetà li għaliha nħarġet it-tender, separatament għal kull każ? Kemm fadal proprjetajiet li għalihom it-tender għadha ma ġietx iffinalizzata ġewwa l-lokalità ta' San Pawl il-Baħar?

04/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba kif ingħatat lili mill-Awtorità tal-Artijiet.

Seduta 121
15/05/2023

**MALTA ENTERPRISE – SKEMA BUSINESS START 2021**

**8522. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-iskema Business Start 2021, imħaddma mill-Malta Enterprise, tista' l-Ministru tgħid kemm daħlu applikazzjonijiet, kemm kienu rifjutati u min ingħata dawn il-fondi?

04/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta tnediet l-iskema Business Start 2021 s'issa, Malta Enterprise irċeviet 203 applikazzjonijiet li minnhom kien hemm 48 li ġew rifjutati.

Malta Enterprise hija koperta bil-kunfidenzjalità imposta skont l-artikolu 21(5) tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Malta Enterprise Act) u l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji (Business Promotion Act). Għaldaqstant, ma tistax telenka l-ismijiet ta' dawk li kellhom l-applikazzjoni tagħhom approvata.

Seduta 121
15/05/2023

**MALTA ENTERPRISE – SKEMA BUSINESS START 2021 – MEMBRI TAL-BORD TAL-GĦAŻLA**

**8523. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-iskema Business Start 2021, imħaddma mill-Malta Enterprise, tista' l-Ministru tgħid min huma l-membri tal-Bord tal-Għażla?

04/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjonijiet għall-iskema Business Start 2021 jiġu evalwati minn evaluation team tal-Korporazzjoni. Fl-eventwalità li l-evaluation team ma jasalx għal decizjoni konklussiva, dik l-applikazzjoni titla' quddiem il-Bord ta' Malta Enterprise.

Seduta 121
15/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – FTUĦ TA' UFFIĊĊJU ĠDID**

**8526. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu jew xi entità li taqa' taħtu hux se jkunu qed jiftħu xi uffiċċju ġdid fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Jekk iva, fejn ser ikun qed jinfetaħ dan l-uffiċċju? X'servizzi ser ikunu qed jingħataw minnu? Meta ser jinfetaħ? Il-post li ser jinfetaħ huwa tal-privat jew inkella tal-Gvern?

05/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru tiegħi kif ukoll id-Dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħti, mhux pjanati li jiftħu xi uffiċċju ġdid fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta 121
15/05/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – LAQGĦAT TAL-BORDIJIET**

**8527. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema mill-bordijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar qed jiltaqgħu bil-pubbliku preżenti waqt il-laqgħat? Liema bordijiet mhux qed jaċċettaw li l-pubbliku jkun preżenti waqt l-istess laqgħat tal-bord, iżda għadhom jinsistu li l-laqgħat isiru biss online? X'inhi r-raġuni għal dan, issa li r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 tnaqqsu sostanzjalment?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità tikkonferma li l-Kunsill Eżekuttiv, il-Bord ta' l-Ippjanar u l-Kummissjoni għall-Barra miż-Żona tal-Iżvilupp u Żoni ta' Konservazzjoni Urbana huma miftuħa għall-pubbliku biex ikunu preżenti għal waqt il-laqgħat tagħhom. Għalkemm il-Kummissjoni għaż-Żona tal-Iżvilupp ma tinfurmax lill-pubbliku li jista' jattendi fiżikament waqt is-seduti, kull min attenda jew talab biex jattendi, dejjem kienu infurmati li jistgħu jattendu. L-unika Kummissjoni li mhix miftuħa għall-pubbliku hija l-Kummissjoni tal-Iskema ta' Regolarizzazzjoni li għandha restrizzjoni ta' spazju.

Seduta 121
15/05/2023

**ENEMALTA – INFORMAZZJONI DWAR IL-BOZOZ F'MALTA U GĦAWDEX**

**8528. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'informazzjoni għandha l-Enemalta għal dak li jikkonċerna l-bozoz pubbliċi madwar Malta u Għawdex? Meta nġabret l-informazzjoni dwar dawn il-bozoz? Għal dak li jikkonċerna l-bozoz li kienu diġà jeżistu qabel it-twaqqif tal-Enemalta, tista' l-Ministru tgħid kif inġabret l-informazzjoni dwar dawk il-bozoz li diġà kienu installati?

05/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Enemalta għandha Geographical Information System, fil-qosor GIS, li hija wkoll disponibbli għall-Kunsilli Lokali. Din is-sistema tiġi aġġornata kontinwament u tinkludi fost oħrajn kull bozza pubblika li saret jew hija fir-responsabbiltà tal-Enemalta.

Sad-9 ta' Mejju 2023, fis-sistema GIS kienu reġistrati total ta' 53,764 lampa fit-toroq ta' Malta u Għawdex. Dawn jinkludu wkoll il-bozoz pubbliċi li saru qabel twaqqfet l-Enemalta fl-1977.

Tagħrif dwar bozoz installati qabel it-twaqqif tal-Enemalta kien inġabar f'eżerċizzju li beda fl-2001 u ssokta fis-snin ta' wara.

Seduta 121
15/05/2023

**KONTROLL TAL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN**

**8534. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu preżentement għal dak li jikkonċerna l-kontroll tal-bagħal taż-żunżan (hornet)? Jista' jgħid jekk hemmx indikazzjoni ta' kemm żdiedet jew ċkienet il-problema tal-bagħal taż-żunżan din is-sena meta mqabbel mas-sena li għaddiet? Jista' jgħid ukoll jekk hux qed issir koordinazzjoni ma' Ministeri jew awtoritajiet oħrajn biex din il-problema tiġi indirizzata fl-inħawi urbani wkoll?

05/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li d-Direttorat għall-Agrikoltura, lejn l-aħħar tal-2022, organizza numru ta' korsijiet lin-naħħal dwar il-bagħal taż-żunżan fejn ingħata għarfien dwar iċ-ċiklu bijoloġiku ta' dan l-insett kif ukoll fuq il-mezzi li hemm bżonn sabiex dan l-insett jiġi kkontrollat. Għal dan il-għan, ħejjejna wkoll dimostrazzjonijiet ta' kif wieħed għandu jibni nases apposta sabiex jinqabdu l-irġejjen tal-bagħal taż-żunżan fir-rebbiegħa. Dan għaliex minn studji xjentifiċi joħroġ ċar li l-aktar mod effiċjenti ta' kontroll ta' dan l-insett huwa jekk jinqabdu l-irġejjen qabel ma jbejtu.

Għaldaqstant, il-Ministeru matul ix-xhur li għaddew kompla jinforma s-settur tal-apikoltura bil-bżonn li jitqiegħdu nases għall-irġejjen fil-perjodu tal-ħarifa. Ta' min isemmi li fi Frar ta' din is-sena, il-Ministeru ħejja skema ta' għajnuna lin-naħħala sabiex jingħataw kumpens għat-telf ta' produzzjoni marbuta mal-ħsara kkawżata mill-bagħal taż-żunżan, kif ukoll biex isservi ta' stimulu sabiex in-naħħala jinvestu f'nases fil-perjodu tar-rebbiegħa biex b'hekk jinqabdu l-irġejjen.

Għalkemm għadu kmieni biex wieħed jevalwa l-impatt ta' dan ix-xogħol, diġà jidher ċar li n-naħħala qed jaqbdu numru sostanzjali ta' rġejjen. Dan huwa importanti għaliex kull reġina li tinqabad f'dan il-perjodu tirriżulta fi tnaqqis tal-bagħal taż-żunzan fil-jiem sajfin.

Seduta 121
15/05/2023

**KONTROLL TAL-MARD TAS-SIĠAR TAL-FROTT**

**8535. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk minn Jannar 2022 sal-lum kienx identifikat xi mard ġdid għal dak li jikkonċerna s-siġar tal-frott f'Malta u f'Għawdex? Jekk iva, liema kien dan il-mard identifikat, fuq liema tipi ta' siġar, u x'miżuri qed jittieħdu biex il-mard jiġi kkontrollat u ma jitħalliex jinfirex?

05/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2022 sal-lum, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti ma identifika l-ebda organiżmi ta' ħsara ġodda fuq is-siġar tal-frott.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8548. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Final Opinion on works carried out by the Government in Comino*" datat 18 ta' Mejju 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8549. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: unfair treatment by the Planning Authority in the processing of a minor amendment*" datat 7 ta' Ottubru 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8550. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: complaint following an alleged irregular approval of a structure on a pavement in Sliema*" datat 7 ta' Diċembru 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8551. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: complaint following the rejection of representations by the Planning Authority*" datat 7 ta' Diċembru 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8552. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendation not implemented: Investigation following a complaint alleging irregular acceptance of a development in St Julians*" datat 17 ta' Jannar 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8553. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendation not implemented: Pavement extension onto parking spaces in Siġġiewi*" datat 31 ta' Jannar 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

05/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 121
15/05/2023

**PERSUNI LI DDAĦĦLU L-ISPTAR BI CHRONIC OBSTRUCTIVE PULMONARY DISEASE, OCCUPATIONAL LUNG DISEASES U PULMONARY HYPERTENSION**

**8563. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm iddaħħlu persuni l-isptar isofru minn Chronic Obstructive Pulmonary Disease (COPD), Occupational Lung Diseases u Pulmonary Hypertension mill-2017 sal-ġurnata li qed issir din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-età tagħhom u minn liema reġjun kienu ġejjin?

08/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | Total Number of Discharges | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **Jan 2023** | **Feb 2023** |
| **Chronic Obstructive Pulmonary Disease (COPD)** | 984 | 999 | 1103 | 734 | 766 | 904 | 136 | 95 |
| **Occupational Lung Diseases** | 7 | 0 | 5 | 3 | 6 | 5 | 1 | 0 |
| **Pulmonary Hypertension** | 19 | 12 | 10 | 12 | 12 | 10 | 0 | 1 |

Seduta 121
15/05/2023

**TRANSPORT MALTA – ĦRUĠ TA' NUMBER PLATES JIBDEW LY**

**8564. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġet number plates Transport Malta li jibdew 'LY' mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

08/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| DATE | AMOUNT | PLATE |
|---|---|---|
| **2023 (Jan to April)** | 534 | LY |
| **2022** | 1026 | LY |
| **2021** | 252 | LY |
| **2020** | 526 | LY |
| **2019** | 593 | LY |
| **2018** | 556 | LY |
| **2017** | 257 | LY |
| **2016** | 108 | LY |
| **2015** | 108 | LY |
| **2014** | 81 | LY |
| **2013** | 84 | LY |

Seduta 121
15/05/2023

**TRASPORT PUBBLIKU – PASSIĠĠIERI**

**8565. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Minn meta t-trasport pubbliku sar mingħajr ħlas, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm passiġġieri u jekk dawn kinux ċittadini Maltin jew inkella barranin?

08/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Ottubru 2022, meta daħlet il-miżura tat transport publiku b'xejn għal kull min għandu it-Tal-linja Card personalizzata, u Marzu 2023, in-numru totali ta' passenger trips li saru taħt din il-miżura kien ta' 23,574,757. Infurmat ukoll li bejn Jannar u Marzu ta' din is-sena kien hemm 181,873 passiġier li bbenefikaw minn din il-miżura. Dawn iċ-ċifri ma jinkludux lil dawk li ma jgawdux minn tali benefiċċju (inklużi barranin li jkunu qed iżuruna) u allura kellhom iħallsu n-noll tas-servizz biex għamlu u mis-servizz tat-trasport pubbliku Malti.

Seduta 121
15/05/2023

**KEMMUNA - FTEHIM DWAR IL-BAJJIET**

**8566. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8366 fejn qed jingħad li f'Kemmuna ma hemm l-ebda konċessjoni, jista' l-Ministru jgħid eżattament xi ftehim hemm fid-dawl li kien huwa stess li fil-pubbliku uża t-terminoloġija "konċessjoni"?

08/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8239.

Seduta 121
15/05/2023

**SAN ĠILJAN – SPINOLA – XOGĦLIJIET TA' RIĠENERAZZJONI**

**8567. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8199, jista' l-Ministru jwieġeb din il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid meta se jibdew ix-xogħlijiet b'rabta mar-riġenerazzjoni tal-pjazza/ġnien ta' Spinola?

08/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta m'għandhiex xi żżid mal-informazzjoni li ngħatat fit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari preċedenti. Madanakollu, jekk jixtieq aktar tagħrif rigward ix-xogħlijiet fuq is-servizzi, għandu jirreferi din il-Mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 121
15/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – PACEVILLE, TAS-SLIEMA U SAN ĠILJAN - ENCROACHMENTS**

**8568. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx talbiet għal encroachment areas ġewwa Paceville, Tas-Sliema u San Ġiljan u jekk iva, kemm hemm? Jista' jagħti lista sħiħa ta' encroachments li tat l-Awtorità tal-Artijiet f'Paceville, Tas-Sliema u San Ġiljan mill-2013 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari?

08/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet ma kenitx teżisti fl-2013. Ir-riċerka sabiex tinkiseb data mill-2013 sal-lum tirrikjedi aktar tul ta' żmien minħabba l-element manwali fil-kisba tal-informazzjoni, Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni bid-dati mogħtija lili mill-Awtorità tal-Artijiet li jkopru l-perijodu mill-2020 sal-lum.

Seduta 121
15/05/2023

**GĦAWDEX – ARTIJIET U PROPRJETAJIET LI HUMA F'ŻONA TA' ŻVILUPP**

**8571. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jelenka l-artijiet u l-proprjetajiet f'Għawdex fejn il-Gvern huwa sid, u tali artijiet u/jew proprjetajiet huma f'Development Zone Including Rationalisation (żona ta' żvilupp)? Jista' ma' kull proprjetà jelenka:
a. in-numru ta' metri kwadri assoċjati mal-proprjetà jew art;
b. l-istat ta' użu u liema funzjoni qiegħda taqdi; u
ċ. jekk hemmx permessi li ġew applikati mill-2018 'l hawn? Jekk iva, jista' jagħti n-numru tal-permess hekk kif maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar?

08/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-tip ta' data qiegħda tiġi kompilata fis-sistema l-ġdida tal-GIS tal-Awtorità, iżda din l-informazzjoni mhux avviżabbli li tkun magħmula pubblika għaliex dan iservi biss sabiex ikun hemm tentattivi ta' spekulazzjoni fuq art tal-Gvern. Ikun iktar għaqli jekk domandi bħal dawn isiru fuq siti partikolari u f'waqthom, minnflok domanda ġenerali fuq it-territorju kollu ta' Għawdex.

Seduta 121
15/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - IMPJEGATI ĠODDA**

**8584. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8349 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6783 dwar persuni ġodda impjegati fl-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' impjegati minn kull lokalità msemmija fit-tweġiba?

08/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fid-diversi awtoritajiet u entitajiet fi ħdan il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ġew impjegati numru ta' ħaddiema minn Marzu 2022 sal-lum. Dawn il-ħaddiema daħlu flok xi wħud li rtiraw jew inkella biex jipprovdu servizzi ġodda, inkluż fil-Korpi dixxiplinati. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella tal-informazzjoni mitluba li tinkludi informazzjoni sal-10 ta' Mejju 2023.

Seduta 121
15/05/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – SALARJI TAL-CARERS**

**8585. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-salarji tal-carers li jaħdmu mal-Gvern ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paul humiex identiċi għas-salarji tal-carers li jaħdmu mal-kuntrattur ġewwa l-istess Residenza San Vinċenz de Paul? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-salarji u l-perkaċċi tal-carers kollha li jaħdmu f'din ir-Residenza?

08/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-carers li jaħdmu mal-Gvern fir-Residenza San Vinċenz De Paul jitħallsu salarji fi skala skont il-grad kif stipulat fl-MOU ffirmat mat-Trade Unions rappreżentattivi fl-2018. L-iskala tas-salarji tvarja minn skala 17 sa skala 12 skont il-grad. Il-carers jibbenefikaw minn allowances kif stipulat fil-ftehim dwar in-Nursing Support Services grades iffirmat fis-06 ta' Marzu 2008.

Fir-Residenza ta' San Vinċenz De Paul hemm numru ta' Care and Support Workers li jiġu ingaġġati mill-kuntrattur fi skala 17 u jitħallsu skont ir-rata ta' dik l-iskala.

Seduta 121
15/05/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KONDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL TAL-CARERS**

**8586. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kondizzjonijiet ta' xogħol li għandhom il-carers li jaħdmu fir-Residenza San Vinċenz de Paul, kemm dawk li jaħdmu mal-Gvern kif ukoll dawk li jaħdmu mal-kuntrattur?

08/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-ftehim tal-kundizzjonijiet tal-carers li jaħdmu mal-Gvern f'San Vinċenz de Paul qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Il-Care and Support Workers tal-kuntrattur mhumiex impjegati tal-Gvern u l-kundizzjonijiet tagħhom jiġu speċifikati mill-kuntrattur.

Seduta 121
15/05/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KWALIFIĊI TAL-CARERS**

**8587. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiċi jrid ikollhom il-carers li jaħdmu fir-Residenza San Vinċenz de Paul, kemm dawk li jaħdmu mal-Gvern kif ukoll dawk li jaħdmu mal-privat?

08/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-kwalifiċi tal-carers li jaħdmu mal-Gvern f'San Vinċenz De Paul huma dawn:
Health Carer I: Ċertifikat jibda minn MQF Level 2
Health Carer II: Ċertifikat MQF Level 3
Senior Health Carer: tinħareġ applikazzjoni interna għal dawk il-Health Carers II fil-pussess ta' Ċertifikat MQF Level 4

Il-Care and Support Workers li jaħdmu mal-kuntrattur hu rikjest li jkollhom ċertifikat ta' Support Carers Course (MQF Level 3)

Seduta 121
15/05/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – TAĦRIĠ LIL CARERS**

**8588. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ qed jingħata lill-carers li jaħdmu fir-Residenza San Vinċenz de Paul? Jista' jagħti d-dettalji ta' kemm-il darba jingħata, meta jingħata u jekk dan it-taħriġ huwiex 'ongoing'?

08/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kull impjegat irid ikollu għarfien bażiku bħala carer f'livell mhux inqas minn MQF 3.
Hemm skeda ta' taħriġ kontinwu organizzat mit-Training Centre ta' San Vinċenz de Paul li tinkludi:

1. Sessjonijiet ta' Taħriġ l-Ħadd – prinċipalment dawn jikkonsistu f' refresher courses
2. On-site training jiġifieri taħriġ fis-swali fuq il-lant tax-xogħol
3. Taħriġ individwali kif ikun meħtieġ
4. Kors tad-dimensja li huwa kors immirat għal dawk l-impjegati li jkunu jridu ikabbru l-għarfien tagħhom fuq persuni bid-dimenzja.

Temi li jiġu trattati frekwentement fil-programmi ta' taħriġ huma ħafna fosthom:
1. Użu ta' tgħamir protettiv (Use of personal protective equipment)
2. Kif nikkontrallaw l-infezzjonijiet u ħasil tal-idejn adegwat (Infection control and proper Hand hygiene techniques)
3. Transferiment ta' resident mis-sodda għal fuq pultruna eċċ u lura (Moving and handling of residents)
4. Iġjene tal-ikel (Food handling)
5. Għarfien u kura ta' feriti (Pressure ulcer awareness and use of pressure relief equipment)
6. Taħriġ fuq il-kontinenza, użu tal-prodotti għall-inkontinenza u kura ta persuni li jagħmlu użu minnhom. (Incontinence Care and Care of a resident with a urinary catheter)

Seduta 121
15/05/2023

**TAĦRIĠ GĦALL-CARERS BARRANIN FIL-LINGWA MALTIJA**

**8589. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7370, jista' l-Ministru jgħid jekk il-carers kollha barranin jintalbux joqogħdu għall-'Maltese Proficiency Test'?

08/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għandha fil-kuntratt li is-Service Provider irid jipprovdi minimu ta' 25 % tal-carers matul il-jum u 10 % tal-carers matul il-lejl li huma kapaċi jikkomunikaw b'mod fluwenti kemm fil-lingwa Maltija kif ukoll f'dik Ingliża. B'hekk anzjani li ma jikkomunikawx bl-Ingliż huma żgurati li jkun hemm carers li jistgħu jikkomunikaw magħhom bil-Malti.

Seduta 121
15/05/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – SODOD U CARERS FIS-SWALI**

**8590. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm sodod f'kull sala fir-Residenza San Vinċenz de Paul u ta' kemm hu n-numru ta' carers li jaħdmu f'kull shift f'kull sala?

08/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' sodod fis-swali jvarja minn 17 sa 38 u għaldaqstant in-numru tal-carers ġo kull sala ivarja a pari man-numru tas-sodod u anke mal-funzjoni partikolari tas-sala jiġifieri.

**Sala Ġenerali** għandha ratio ta' 1:5 u 1:7 jiġifieri carer wieħed għal kul ħames jew seba' anzjani rispettivament skont il-ħin tal-ġurnata filwaqt li **Sala għall persuni bid-dimensja** għandha ratio ta' 1:4 il-ġurnata kollha.

Seduta 121
15/05/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - GĦOTI TA' INĊENTIVI**

**8606. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4339, 4896, 5647, 5844, 6251, 6478, 6774, 6966, 7225, 7798, 8066 u 8283 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat ta' kull inċentiv li ngħata taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate mill-2006 sal-2022 s'issa? Għal kull proġett, jista' jinkludi l-isem tal-proġett, l-isem tal-kumpanija li bbenefikat mill-cash rebate, l-ammont li ngħata mill-Gvern bħala Cash Rebate, l-ispiża diretta tal-film f'Malta u l-ispiża indiretta (fuq riżorsi jew servizzi mill-UE) li kienet eliġibbli għal cash rebate?

09/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni hija pubblika fuq is-sit elettroniku https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public/search/
Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan is-sit elettroniku.

Seduta 121
15/05/2023

**KUMPANIJI BARRANIN – CASH REBATES**

**8607. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 7611, 7850, 8067 u 8284 u jgħid kemm-il cash rebate ġie mħallas lil kumpaniji barranin u kemm tħallsu lil kumpaniji Maltin f'dawn l-aħħar tliet snin, ċjoè mis-sena 2021 s'issa? Jista' jippreżenta lista ta' liema huma dawn il-kumpaniji u kemm ħadu kull wieħed?

09/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8606.

Seduta 121
15/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI ĠODDA**

**8608. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8350, nispeċifika li l-informazzjoni li qed tintalab hija tabella turi l-15-il ħaddiem ingaġġati u indikati fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 6789, u ċjoè kemm minnhom ġejjin minn kull lokalità msemmija (eż. 2 mis-Siġġiewi, 1 minn San Lawrenz eċċ.)?

09/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Qed inpoġġi t-tagħrif mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 121
15/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - IMPJEGATI ĠODDA**

**8609. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8351, nispeċifika li l-informazzjoni li qed tintalab hija tabella li turi d-29 ħaddiem ingaġġati u indikati fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 6780, u ċjoè kemm minnhom ġejjin minn kull lokalita msemmija (eż. 2 minn Birkirkara, 1 minn Birżebbuġa eċċ.)?

09/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt.

| **Lokalità** | **Impjegatiġodda** |
|---|---|
| Birkirkara | 2 |
| Bormla | 1 |
| Il-Furjana | 1 |
| Il-Ħamrun | 1 |
| Ħal Għaxaq | 2 |
| Ħal Balzan | 1 |
| Ħal Qormi | 1 |
| Ħaż-Żabbar | 1 |
| L-Imtarfa | 2 |
| L-Imqabba | 1 |
| Il-Marsa | 1 |
| Il-Mellieħa | 3 |
| Il-Mosta | 4 |
| L-Imġarr | 1 |
| In-Naxxar | 2 |
| San Ġwann | 1 |
| Wied il-Għajn | 4 |

Seduta 121
15/05/2023

**KAWŻI TA' MWIET F'MALTA**

**8610. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6173 u 6776, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istess informazzjoni għas-sena 2022?

09/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**KUNSILI REĠJONALI – GPS TRACKING TAL-ĠBIR TAL-ISKART**

**8611. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi informazzjoni dwar liema Kunsill Reġjonali jiġbor informazzjoni dwar GPS tracking tal-ġbir tal-iskart, u jippreżenta kopja ta' din l-informazzjoni mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Kunsilli Reġjonali qegħdin jagħmlu l-monitoraġġ kollu meħtieġ sabiex jaraw illi l-Kuntratturi qegħdin jiġbru l-iskart fil-ħin u kullimkien u b'hekk tigi osservata l-iskeda relattiva filwaqt li tinżamm l-indafa pubblika.

Seduta 121
15/05/2023

**KUNSILLI REĠJONALI – SISTEMA TA' CUSTOMER CARE**

**8612. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi l-informazzjoni dwar kif qiegħda titħaddem is-sistema ta' Customer Care fil-Kunsilli Reġjonali, u kif l-ilmenti qegħdin jiġu indirizzati?

09/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li s-sistema ta' Customer Care fi ħdan il-Kunsilli Reġjonali titħaddem permezz ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni li huma kollha aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali, inkluż dawk indikati fid-dokument li qiegħed jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, u dan sabiex jiġu indirizzati kwalsiasi lmenti fl-iqsar żmien possibbli.

Seduta 121
15/05/2023

**KUNSILLI REĠJONALI – ĠBIR TA' SKART - SERVIZZ**

**8613. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għas-servizz tal-ġbir tal-iskart ipprovdut mill-Kunsilli Reġjonali, jista' l-Ministru jgħid x'perjodu ta' ħin tal-ġurnata hemm stabbilit kuntrattwalment mal-kuntrattur li fih irid jinġabar l-iskart?

09/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ġbir tal-iskart isir skont il-ħin li kien ġie miftiehem bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali rispettivi flimkien mal-kuntrattur.

Seduta 121
15/05/2023

**SKEDA ĠDIDA TA' ĠBIR TAL-ISKART**

**8614. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5103, tista' l-Ministru tgħid fejn din il-kundizzjoni tinsab fil-ftehim li hemm fis-seħħ mal-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart mal-Kunsilli Reġjonali?

09/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nerġa' niċċara li l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża mhuwiex parti mill-ftehim għall-ġbir tal-iskart, kif diġà indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5103.

Seduta 121
15/05/2023

**SKART MIĠBUR FL-EWWEL TLIET XHUR TAS-SENA 2023**

**8615. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien l-ammont ta' skart f'tunnellati li nġabar f'kull lokalità rispettivament f'Malta u Għawdex, għax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu tas-sena 2023, u liema ammonti jkunu maqsuma wkoll rispettivament għal dawn it-tipi ta' skart: skart imħallat (borża sewda); skart riċiklabbli (borza griża/ħadra); u skart organiku (borza bajda)?

09/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba. Minħabba li, mill-bidu ta' din is-sena, il-ġbir tal-iskart beda jsir mir-Reġjuni, l-informazzjoni hija maqsuma skont ir-reġjun.

Seduta 121
15/05/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦRUĠ TA' PERMESSI F'ODZ GĦAL STALLAZZJONI TA' STALEL**

**8616. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għal ħruġ ta' permess biex isiru stalel f'żoni meqjusa ODZ ġiet sottomessa quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar f'dawn l-aħħar sentejn?

09/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu ta' Mejju tal-2021 sal-aħħar ta' April tal-2023, l-Awtorità tal-Ippjanar ippublikat li rċeviet 157 applikazzjoni kompluta biex isiru stalel f'żoni barra miż-żona tal-iżvilupp. Dawn jinkludu wkoll żewġ każijiet ta' bdil fl-użu ta' binjiet eżistenti biex jinħolqu stalel.

Seduta 121
15/05/2023

**QASAM TAL-EDUKAZZJONI U SOĊJALI – GĦOTI TA' FONDI MILL-AĠENZIJA KOMUNITÀ MALTA**

**8623. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8250, jista' l-Ministru jagħti l-ammonti totali li kull organizzazzjoni rċeviet, skont id-dokument imqiegħed mal-istess mistoqsija, flimkien mal-ammonti li kull donatur ikun ta lil kull organizzazzjoni?

09/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni aġġornata sal-10 ta' Mejju 2023, mitluba mill-Onor. Interpellant hija skont it-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Din l-informazzjoni ma tinkludix informazzjoni dwar għaqdiet li setgħu għażlu li jagħtu lura d-donazzjoni fl-aħħar jiem.

Seduta 121
15/05/2023

**PBS - SALARJI U ALLOWANCE/BENEFIĊĊJI**

**8624. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti s-salarji gross u kwalunkwe allowance u/jew benefiċċji oħra tal-pożizzjonijiet li ġejjin fi ħdan il-PBS mill-2012 sal-lum:
Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO);
Chairman;
Editur;
Kap tal-Aħbarijiet; u
Managers?

09/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt sabiex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 121
15/05/2023

**MEDIĊINA RIVORAXABAN**

**8625. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li l-pilloli Rivoraxaban ilhom out of stock għal aktar minn erba' ġimgħat, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta dawn il-pilloli se jkunu disponibbli fil-POYC?

09/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-pilloli Rivoraxaban mhux out of stock.

Seduta 121
15/05/2023

**BIRKIRKARA - TRIQ MONSINJUR EMANUEL VELLA - RESPONSABILITÀ TA' MANUTENZJONI**

**8627. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli minn Triq Monsinjur Emanuel Vella, f'Birkirkara, ġaladarba din it-triq qed tisfronda u l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara qiegħed jabdika mir-responsabbiltajiet li jieħu f'idu dan il-każ?

09/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b'konsultazzjoni kontinwa mal-Kunsilli Lokali sabiex isir pjan ta' xogħol f'toroq residenzjali li se jkunu qed isiru f'kull lokalità, inkluż dik ta' Birkirkara. Triq Mons. Emanuel Vella, Birkirkara hija waħda mit-toroq li tinsab fuq il-lista li ressaq il-Kunsill Lokali sabiex isir xogħol infrastrutturali fiha. Fl-istess waqt, sakemm din it-triq terġa' tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabbiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 121
15/05/2023

**RABAT, GĦAWDEX – TWAĦĦIL TA' STRUTTURA FUQ IL-BINJA TA' ARMS LTD.**

**8639. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 8223, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u li issa ġiet riferuta lilha, u ċjoè: Fid-dawl tal-fatt li twaħħlet struttura temporanja fuq il-binja tal-ARMS Ltd. fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat Għawdex, tista' l-Ministru tgħid:
a. x'inhi r-raġuni li twaħħlet din l-istruttura;
b. hemmx il-permessi kollha neċessarji kif stabbiliti mil-liġi biex isiru x-xogħlijiet? Jekk iva, x'inhu n-numru tar-referenza tal-permess;
ċ. hemmx pjan ta' rilokazzjoni għal entità tal-ARMS fid-dawl tal-fatt li dan jista' jkun ta' periklu; u
d. x'inhu l-pjan u għal kemm terminu ta' żmien din l-istruttura se tibqa' mwaħħla?

09/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat, peress li x-xogħlijiet li qed jirreferi għalihom mhux qed isiru mill-kumpanija ARMS.

Seduta 121
15/05/2023

**MARSALFORN – PROĠETT TAL-BREAKWATER**

**8641. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-proġett tal-breakwater ta' Marsalforn? Meta hi proġettata li toħroġ is-sejħa għall-offerti tal-kostruzzjoni? Kemm hu l-baġit skedat għal dan il-proġett? Kemm hu t-terminu ta' żmien biex jiġi komplut il-proġett? Jista' jgħid jekk hemmx l-involviment ta' Infrastructure Malta u jekk iva, fiex jikkonsisti?

09/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Ministeru għaddej bil-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. Fis-sajf tal-2022 saru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi fis-sit fejn hu ppjanat li jkun hemm il-breakwater. Ir-riżultati tagħhom ġew integrati fir-rapport tal-Environmental Impact Assessment. L-ewwel draft tar-rapport mistenni jiġi konkluż mill-kuntrattur inkarigat fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Ministeru se jkun qiegħed jagħti feedback fuq dan ir-rapport u l-verżjoni finali tintbagħat lill-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi għall-iskrutinju tagħhom.

Seduta 121
15/05/2023

**ANNIMALI - ITTESTJAR**

**8642. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn entitajiet f'Malta u Għawdex li jistgħu jagħmlu ttestjar fuq annimali? X'tip ta' ttestjar qed isir u fuq liema annimali? Liema hi l-Awtorità li toħroġ dawn il-permessi u fuq liema bażi ħarġu dawn l-approvazzjonijiet jew le?

09/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Malta u f'Għawdex bħalissa hawn sit wieħed li qiegħed jużа l-annimali għal skopijiet xjentifiċi.

L-aħħar riċerka li saret kienet saret bl-iskop li tiżdied l-effiċjenza fil-produzzjoni tal-ispeċi ta' ħut fl-akkwakultura. Dan il-proġett ġie mfassal biex jiġi studjat kif ser jitnaqqas l-impatt tal-mard f'numru ta'speċi ta' ħut differenti billi: jiżdiedu addittivi fil-ġwież biex jitjieb it-tkabbir tal-ħut kif wkoll jitjieb l-użu tal-ġwież fi speċi differenti; l-użu tat-tilqim; l-użu ta' ġwież bi prodotti stimulanti bħalma huma stimulanti tas-sistema mmunitarja, probijotiċi, prebijotiċi, eċċ.

L-Awtorità responsabbli għar-regolazzjoni tal-liġi fuq il-Protezzjoni ta' Annimali għal-iskopijiet xjentifiċi u li joħroġ il-permessi relevanti u jagħti l-approvazzjonijiet relevanti hija d-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, fi ħdan id-Dipartiment għas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Il-permessi kollha li nħarġu, inkluż l-aħħar permess, huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet li hemm fil-liġi sussidjarja 439.20, 'Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi', li hija l-liġi trasposta mid-Direttiva tal-Komunita' Ewropea 2010/63/EC.

Seduta 121
15/05/2023

**ANNIMALI EŻOTIĊI F'PAJJIŻNA**

**8643. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn annimali eżotiċi liċenzjati ġewwa pajjiżna? Kemm minn dawn l-annimali huma msewwija?

09/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dawk l-annimali eżotiċi reġistrati li jinsabu ġewwa stabbilimenti żooloġiċi liċenzjati, skond il-L.S. 439.08 huwa ta' 154 annimali u dawk l-annimali eżotiċi li jinsabu ġewwa siti approvati biex jinżammu annimali perikolużi, skont il-L.S. 439.19 huma ta' 54 annimali. Dan ifisser li hawn total ta' 208 annimal eżotiku reġistrat f'Malta. Dan qiegħed jeskludi n-numru ta' għasafar u ta' ħut u anke ta' annimali mhux eżotiċi ġewwa dawn l-istess stabbilimenti.

Id-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja m'għandiex in-numru ta' annimali eżotiċi liċenzjati li huma msewwija.

Seduta 121
15/05/2023

**ANNIMALI EŻOTIĊI LI NTBAGĦTU BARRA MINN MALTA**

**8644. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm annimali eżotiċi li ntbagħtu barra minn Malta? Jista' jagħti indikazzjoni ta' dawn il-figuri sena b'sena għal dawn l-aħħar għaxar snin? X'tip ta' annimali kienu dawn u liema huma ż-zoos li għamlu dan?

09/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**INGAĠĠ TA' PERSUNI GĦAL SERVIZZI TA' FOTOGRAFIJA**

**8650. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk ingaġġax persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġa, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

10/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**INGAĠĠ TA' PERSUNI GĦAL SERVIZZI TA' FOTOGRAFIJA**

**8651. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk ingaġġax persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġa, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li l-Ministeru nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

10/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru ma impjega lil ħadd bħala fotografu, la full-time u lanqas part-time. Fl-2022 saret spiża ta' €2,800 għal servizzi ta' fotografija.

Seduta 121
15/05/2023

**INGAĠĠ TA' PERSUNI GĦAL SERVIZZI TA' FOTOGRAFIJA**

**8652. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk ingaġġax persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġa, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li l-Ministeru nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

10/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma ġewx ingaġġati persuni full-time jew part-time biex joffru servizzi ta' fotografija. Dan ix-xogħol isir mill Coordinating Officer tal-Ministeru.

Seduta 121
15/05/2023

**INGAĠĠ TA' PERSUNI GĦAL SERVIZZI TA' FOTOGRAFIJA**

**8653. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ingaġġax persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġa, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li l-Ministeru nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

10/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx ingaġġat l-ebda fototgrafu, la full-time u lanqas part-time. Matul l-2022 saret l-ispiża ta' €4730 għal servizzi ta' fotografija li kienu meħtieġa.

Seduta 121
15/05/2023

**TFAL ADOTTATI JEW FOSTERED**

**8683. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bin-numru ta' tfal adottati minn pajjiżi oħra bejn is-snin 2010 sal-2022 maqsuma skont in-nazzjonalità tagħhom? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tat-tfal adottati bejn l-2010 u l-2022 li ġew rehomed (jew 'fostered' għand familji Maltin oħra) maqsuma skont in-nazzjonalità?

10/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 121
15/05/2023

**PERSUNI ELEĠIBBLI GĦALL-ISKEMA BIEX JISTALLAW REVERSE OSMOSIS**

**8688. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk individwi li għandhom villeġġjatura bħala t-tieni dar tagħhom u li m'għandhomx il-karta tal-identità mniżżla fuq din il-proprjetà, humiex eleġibbli għall-iskema biex jinstallaw l-impjant domestiku tar-reverse osmosis?

11/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li individwi li għandhom villeġġjatura bħala t-tieni dar tagħhom u li m'għandhomx il-karta tal-identità mniżżla fuq din il-proprjetà huma eleġibbli, għax l-għotja ma tiddistingwix jekk il-proprjetà residenzjali tkunx ir-residenza primarja jew dik sekondarja (villeġġjatura). Madankollu, persuni u djar li diġà bbenefikaw minn din l-għotja mhumiex eliġibbli għal għotja oħra maħruġa taħt din l-iskema. Barra minn hekk, apparat installat f'caravans, dgħajjes, boathouses jew bini li mhuwiex intenzjonat għal użu residenzjali mhuwiex eliġibbli taħt din l-iskema.

Seduta 121
15/05/2023